VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,650, 4 ta' Ottubru, 2016
Taqsima B

A.L. 316 tal-2016

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2016 li Jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2016 li Jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impieg u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinfthiemu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impieg, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.81

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2018.

Temenda r-regola i u t-titolu tar-regolai prinċipali.

2. Fir-regola 1 u fit-titolu tar-regoli prinċipali, minflok il-kelma "Nisa" għandha tidħol il-kelma "Persuni".

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

3. Il-paragrafu (a) tar-regola 2 tar-regoli prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "mara" għandha tidħol il-kelma "persuna"; u

(b) minnufih wara l-kliem "minnufih qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg" għandhom jiżdiedu l-kliem "u li ismimhom ma kienx waqt l-imsemmi żmien fuq r-reġistru tal-qgħad (Partijiet 1 u 2) kif stabbilit mill-JobsPlus".

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

4. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subregola (1) tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tagħha, minflok il-kliem "Kull mara" għandhom jidħlu l-kliem "Kull persuna";

(ii) fil-paragrafu (b) tagħha, minflok il-kliem

VERŻJONI ELETTRONIKA

"għejun ta' dħul ieħor tal-mara, jekk ikun hemm, jew kontra d-dħul tal-konjuġi tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "għejun ta' dħul ieħor tal-persuna, jekk ikun hemm, jew kontra d-dħul tal-konjuġi tiegħu jew tagħha";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tagħha, minflok il-kliem "dik il-mara" għandhom jidħlu l-kliem "dik il-persuna"; u

(b) il-paragrafu (a) tas-subregola (2) tagħha għabu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Mara li għaliha" għandhom jidħlu l-kliem "Persuna li għaliha" u

(ii) fil-verżjoni bl-Ingliż, minflok il-kliem "with her spouse" għandhom jidħlu l-kliem "with her or his spouse".